MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Talba Numru. 36/2008

**Talba Nru: 36/08 PBC**

**Go p.l.c. – C22334**

**-vs-**

**Christopher Edongesit Etim – I.D. 405995(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tlettax-il Euro u hmistax-il centezmu (€413.15) - (Lm177.37c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21574004 (A/C 40073361).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tal-24 ta' Jannar, 2008 li permezz taghha s-socjetà attrici nformat li l-konvenut kien hallas (€200) – (Lm85.86) akkont u rriduciet l-ammont mitlub ghal mitejn u tlettax-il Euro u hmistax-il centezmu (€213.15) - (Lm91.51).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tlettax-il Euro u hmistax-il centezmu (€213.15) - (Lm91.51), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------